Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 273/2005

**Credal E-Business Ltd. u llum jisimha All Secure Limited, korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2016**

**Vs**

**Computer Domain Ltd**

1 ta' Dicembru, 2017.

1. B'avviz prezentat fl-10 ta' Mejju, 2005 l-attrici harrket lill-konvenuta ghas-somma ta' Lm2,832, *"rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta u dana skont skrittura datata 16 ta' Gunju 2003 flimkien mal-VAT fuq l-istess"*.

2. Il-konvenuta wiegbet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-merkanzija in kwistjoni konsistenti f'*software* mibjugha lilha ma kinitx tal-kwalita' pattwita u inoltre' l-istess merkanzija qatt ma giet ikkonsenjata lilha.

3. Permezz ta' rikonvenzjoni, il-konvenuta talbet li l-kumpannija attrici tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf u tmien mija u erbghin Lira Maltin (Lm1,840) illum ekwivalenti ghal €4,286.04 rapprezentanti danni u dana wara illi ppremettiet illi permezz ta' ftehim datat 16 ta' Gunju 2003, il-konvenuta ftehmet mal-attrici li jigi mibjugh u konsegwentement ikkonsenjat *"software"*; illi l-kumpannija intimata kellha skond il-ftehim anke tkun agent f'Malta u fil-Libja ta' dan it-tip ta' *software;* illi sehh illi l-kumpannija qatt ma hejjiet is-*"software"* in kwistjoni hekk kif ordnat u miftiehem u per konsegwenza dan il-prodott qatt ma kien ikkonsenjat lill-konvenut. Ghalhekk il-konvenuta hallset ghall-prodott li qatt ma nghata lilha.

4. Ghar-rikonvenzjoni l-attrici wiegbet:

*"1. Illi t-talbiet imressqa fil-kontro-talba huma irritwali u nulli stante li t-talba hekk kif proposta ghad-danni ma treggix;*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet mressqa fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu illi in forza tal-ftehim datat 16 ta' Gunju, 2003 hija bieghet lill-kumpannija Computer Domain Limited xi software kif minnha allegat;*

*3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak appena eccepit, it-talbiet mressqa fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu li in forza tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 2003, il-kumpannija Computer Domain Limited hallset is-somma ta' Lm1840 ghal prodott li qatt ma nghata lilha;*

*4. Illi bla pregudizzju ghal tali eccezzjonijiet, it-talbiet mressqa fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma hu dovut lill-kumpannija Computer Domain Limited peress illi l-istess kumpannija kellha kull dritt li tittermina l-ftehim u dana ai termini tal-klawsola Numru 7 ta' l-istess ftehim;*

*5. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu eccepit, it-talbiet mressqa fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma kontradittorji meta kkomparati man-nota ta' eccezzjonijiet imressqa mill-istess kumpannija Computer Domain Limited;"*

5. B'sentenza tas-7 ta' April, 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet billi, filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, cahdet it-talba attrici u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ghar-rikonvenzjoni u laqghet ir-rikonvenzjoni u kkundannat lill-kumpannija attrici thallas lill-konvenuta s-somma ta' €4286.04 in linea ta' danni in vista ta' l-inadempjenza kontrattwali tal-attrici fil-konfront tal-konvenuta, bl-imghax legali mill-15 ta' Gunju, 2005, id-data tan-notifika ta' l-eccezzjonijiet u kontestwali rikonvenzjoni sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez kollha nkluz dawk tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati mill-kumpannija attrici.

6. Mis-sentenza appellat il-kumpannija attrici.

7. Permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Gunju, 2003 il-kontendenti ftehmu, fost'affarijiet ohra, li:

    - Il-konvenuta kellha tinhatar bhala, *".... exclusive agent responsible for marketing, distribution, sales of its web-based e-learning systems specified in Appendix I, within the geographic regions of Malta and Libya.....".*
    - Kellha tissupplixxi lill-konvenuta b'*e-learning systems* u bil-proprjeta intelletwali tibqa' tal-attrici.
    - Il-konvenuta kellha thallas is-somma ta' Lm4,000 *"for the rights envisaged in this agreement"*. 40% tas-somma kellha tithallas mal-iffirma tal-kuntratt, kif fil-fatt sar, filwaqt li l-bilanc *"being settled upon commissioning of the e-learning system"*.

8. L-aggravji tal-attrici hu bazat fuq it-tezi li x-xoghol li kellha taghmel, ghamlitu u kien biss minhabba *"nuqqas ta' inizjattiva u fuq kollox it-telf ta' interess da parti tal-appellata wassal sabiex l-appellata ma taghtix l-input effettiv taghha u hekk is-sistema ma setghetx timxi 'l quddiem"*.

9. Mhemmx dubju li wiehed mid-dmirijiet tal-attrici kien l-izvilupp ta' *web based e-learning system*. Jirrizulta wkoll li l-attrici kienet ghamlet xoghol fuq din is-sistema, pero' qatt ma giet *commissioned*. L-attrici ssostni li dan ma kienx kaz ta' bejgh ta' software, tant li l-kuntratt jistipula: *"**Once the master system is developed and commissioned CDL will be given FREE OF CHARGE** a client version for its own use, for which it will only be bound to pay hosting*

*and maintenance fees as per Appendix 2"*. Argument li jidher li hu validu meta tqies ukoll klawzola 2 tal-kuntratt:

*"EBL is to retain all intellectual property rights on the e-learning systems it supplies to CDL…. It is therefore to assume all costs and specification/performance responsibilities for the e-learning systems it provides to CDL for marketing, sales and distribution, including the system documentation, user and technical manuals, hardware and software maintenance"*.

10. Ovvjament il-prodott kien parti krucjali ta' dan il-ftehim. Prodott li pero' fir-realta, ghal raguni jew ohra, qatt ma giex *commissioned* mill-attrici.

11. Il-qorti fehmet li s-somma ta' Lm4,000 pattwita fil-kuntratt, ma kellhiex tithallas mill-konvenuta ghax-xiri tal-prodott zviluppat mill-attrici izda **sabiex tkun tista' taghmel uzu mill-prodott zviluppat mill-attrici, u li kellu jibqa' proprjeta tal-attrici**. Uzu li baqa' qatt ma sar mill-konvenuta.

12. Wiehed irid jiftakar li l-kawza li pproponiet l-attrici mhijiex ghad-danni minhabba li s-socjeta konvenuta ma wettqitx l-obbligi li kellha fl-ewwel klawzola tal-kuntratt, izda semplicement kawza biex thallas il-bilanc skont klawzola hamsa (5) tal-kuntratt. Hlas li mhuwiex dovut gialadarba is-sistema baqghet qatt ma giet *commissioned*. 'Il fatt li s-sistema kienet fi *"stadju avvanzat ta' zvilupp"*, ma jfissirx li giet *commissioned*. Il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li:-

*"Ghalkemm l-e-learning system in kwistjoni setghet kienet fi stadju avvanzat ta' zvilupp, b'daqshekk ma jfissirx li sehhet il-kondizzjoni espressament miftiehma bejn il-partijiet kontendenti ghall-hlas tal-bilanc u dana ghas-semplici fatt illi stadju avvanzat ta' zvilupp ma huwiex u qatt ma jista' jigi kkunsidrat bhala commissioning of the e-learning system"*.

13. L-attrici ssostni li l-istess eccezzjonijiet tal-konvenuta ma setghu qatt jintlaqghu. Ghalkemm fl-eccezzjoni tal-konvenuta jissemma bejgh ta' *software* u l-kwalita pattwitu, u rrizulta li ma kienx hemm bejgh, fl-eccezzjoni jinghad ukoll li ***"… inoltre l-istess merkanzija qatt ma giet ikonsenjata lill-istess eccipjenti"***. Ghall-qorti hu ghalhekk evidenti li l-konvenuta qeghda ssostni li baqghet ma nghatatx il-prodott finali. Prodott li ovvjament kien mehtieg sabiex tkun tista' taghmel dak li kellha taghmel skont il-kuntratt. Ghaldaqstant, hu evidenti li d-difiza tal-konvenuta ma kinitx biss bazata fuq bejgh ta' *software* li ma kienx tal-kwalita pattwita.

14. Aggravju iehor jitratta r-rikonvenzjoni, li permezz taghha l-konvenuta talbet:

*"Tikkundanna lis-socjeta attrici E. Business Limited thallas lis-socjeta konvenuta Computer Domain Limited is-somma ta' Lm1840 rapprezentanti danni sofferti minn l-istess socjeta kwantu ghar-ragunijiet esposti ….."*

It-talba hi bazata fuq il-fatt li l-attrici hallset ghall-prodott li qatt ma gie *commissioned*, u li ghalhekk m'ghamlitx uzu minnu. Mill-provi rrizulta li n-negozju guridiku li sehh bejn il-partijiet, ma kienx bejgh.

15. L-ewwel qorti ddecidiet ir-rikonvenzjoni fuq kawzali differenti wara li ghamlet riferenza ghall-artikolu 213 tal-Kap. 12. Fil-fatt osservat: *"Huwa minnu li hawnhekk il-Qorti qed tezamina l-ezistenza ta' jedd li ma jidholx sewwa fit-talba rikonvenzjonali kif avvanzata mis-socjeta rikorrenti ....".*

16. Il-qorti tibda biex tghid li ma taqbel xejn mal-interpretazzjoni li l-attrici qeghda taghti lill-artikolu 213 tal-Kap. 12 li jipprovdi li fejn ma tigix ippruvata t-talba, il-qorti tista tiddeciedi fuq jedd iehor li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali. Iktar rilevanti f'dan il-kaz kien jekk l-ewwel qorti kellhiex tissospendi l-ghoti tas-sentenza fil-meritu u taghti l-opportunita lill-attrici biex tressaq eccezzjonijiet differenti, provi ohra jew taghmel sottomissjonijiet dwar il-jedd l-iehor li identifikat. Pero' dan mhuwiex l-ilment tal-attrici.

17. Fir-rigward tal-meritu, l-attrici ghamlet riferenza ghal dik il-parti tar-rikors tal-appell li titratta t-talba taghha[1].

18. Irrizulta li *e-learning system* inghatat, pero' baqghet ma gietx *commissioned*. L-ewwel qorti filwaqt li kkonfermat li l-*commissioning* tal-*e-learning system* a favur tas-socjeta konvenuta baqa' ma sarx mis-socjeta attrici, qalet ukoll:

*"Is-socjeta attrici ma ressqitx provi sodisfacenti li juru li l-ftehim in kwistjoni ma setax jigi attwat minhabba tort tas-socjeta konvenuta, prova li kienet fl-obbligu li tressaq una volta gie stabbilit u kkonfermat li s-socjeta konvenuta baqghet ma gietx provduta b'commissioned version tal-e-learning system. B'hekk fil-fehma tal-Qorti tirrizulta inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta, bil-konsegwenza ghalhekk li s-socjeta konvenuta ghandha dritt ghad-danni minnha pretizi fil-kontro-talba taghha".*

19. Hu minnu li s-socjeta konvenuta baqghet ma gietx *commissioned version tal-e-learning system*. Mir-rapport tal-perit tekniku jirrizulta:

*"Illi ma sar l-ebda analizi tal-web based e-learning system u dan ghal fatt li s-sistema fis-sena 2007 ma kinitx baqghet tigi hosted mill-E Business Ltd".*

Bla dubju din kienet tkun l-ahjar prova biex wiehed jiddetermina min mill-partijiet kien qieghed ikaxkar saqajh ghall-*comissioning* tas-sistema. Mill-provi ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta qatt sejhet lill-attrici b'att gudizzjarju sabiex taghmel *commissioning* tas-sistema. Il-kuntratt lanqas ma jistipula zmien li fih kellu jsir *commissioning*. Mill-korrispondenza ezebita jirrizulta li s-

[1] *"Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, a skans ta' ripetizzjoni issir riferenza ghal dak kollu gia' sollevat dwar il-commissioning u n-nuqqasijiet tas-socjeta appellata kif gia trattati ampjament f'dan l-appell fil-parti intestata bhala 'it-talba attrici'".*

sistema kienet giet ikkonsenjata u s-socjeta konvenuta kienet qeghda taghmel testijiet fuqha. Fil-fatt hemm skambju ta' *emails* bejn Nicholas Callus (ghall-konvenuta) u Nemanja Nikolic (kien impjegat tal-attrici), dwar tibdil li l-konvenuta riedet li jsir. *Emails* li fihom infushom huma prova li juru li Nikolic u Callus kienu jikkomunika hafna bejniethom b'dan il-mezz u anke saru laqghat.

20. Min-naha tieghu Callus ma pprezentax korrispondenza fejn f'dak l-istess zmien kien qieghed jilmenta ma' Nikolic dwar il-kwalita tax-xoghol li ghamlet l-attrici jew li l-attrici kienet qeghda titlef il-hin. Korrispondenza li kienet isservi biex tikkorabora l-verzjoni li ta meta xehed fis-seduti tas-17 ta' Ottubru, 2006 u tal-24 ta' Jannar, 2007. Pjuttost il-qorti tikkonkludi li l-korrispondenza tikkonforta l-verzjoni tax-xhud Nikolic, cjoe' li ma kienx hemm affarijiet kbar li kienu ghadhom pendenti fir-rigward tas-sistema sabiex tigi *commissioned*. Ghaldaqstant, fuq bazi ta' probabbilta l-prodott verament kien fi stadju avvanzat ta' zvilupp, kif wara kollox ikkonkluda l-perit tekniku. Mill-provi mhemmx dubju li Callus kien inghata *log in* u *password*, u ghalhekk kellu access ghas-sistema. Callus xehed:

*"F'Ottubru, konna lhaqna kwazi stalemate u naghmel riferenza ghall-email a fol. 65 fejn ahna konna ghidnilhom illi kkuntatjajna kumpannija ohra ta' E-Learning u ssuggerejna li jiehdu xi idejat minn hemmhekk, forsi fl-ahhar is-sistema tibda tahdem"*.

Id-deposizzjoni ta' Callus hi kritika ghas-sistema li zviluppat l-attrici, tant li qal li kien fiha *'difetti kbar'*. Jekk dan hu veru l-qorti kienet tistenna lil Callus li jipprezenta korrispondenza li fiha jilmenta mill-kwalita tal-prodott li zviluppat l-attrici. Haga li m'ghamilx. Il-korrispondenza li hemm bejn Nikolic u Callus, ma taghti l-ebda hjiel tad-difetti kbar li semma Callus u anzi turi li kienu qeghdin jahdmu lejn ghan komuni u l-affarijiet kienu mexjin 'il quddiem. Pjuttost il-qorti iktar tifhem li Callus kellu ripensament dwar dak pattwit fil-kuntratt, u kien wera x-xewqa li jibidel l-arrangament. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-*email* tad-29 ta' Jannar 2004 li Stephen D'Alessandro baghat lil Callus, u li fiha ssir riferenza ghat-tibdil li Callus xtaq li jsir fil-ftehim, u jissemma li sa mill-bidu ta' Novembru kellu access ghal eb-learn system wara modifiki u emendi li saru fuq talba tieghu. L-ewwel korrispondenza fejn Callus ilmenta dwar il-kwalita tax-xoghol, hi *email* datata 11 ta' Mejju 2004 fejn kiteb: *"The system was never delivered to us. Various meetings were cancelled. Changes which we requested were described by your staff as impossible"*. Ilment li ma giex sostanzjat b'korrispondenza precedenti.

21. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li fuq bazi ta' probabbilta, il-ftehim bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta ma tkomplix mhux ghaliex l-attrici m'ghamlitx xogholha izda ghaliex il-konvenuta rega' bdielha u riedet xi haga differenti mil-ftehim li kellha mal-attrici. Il-fatt li l-konvenuta ma nghatatx *commissioned version* tal-*e-learning system*, wahedha mhijiex prova sufficjenti li dan gara tort tal-attrici. Sabiex tinghata *commissioned version* kien hemm bzonn il-

koperazzjoni tal-konvenuta stante li kienet hi li taf x'kellha bzonn ghas-sistema u kienet qeghda taghmel *testing* tal-istess. Mill-korrispondenza li hemm fl-atti hu evidenti li gie zmien fejn il-konvenuta ma baqghetx tikkopera biex is-sistema tigi finalizzata u riedet arrangament differenti minn dak li sar bl-iskrittura tas-16 ta' Gunju, 2003. F'dan ix-xenarju mhuwiex korrett li jinghad li kien hemm inadempjenza kuntrattwali min-naha tal-attrici.

22. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti li dan kien kaz ta' inadempjenza min-naha tas-socjeta attrici.

23. In vista ta' dak li ser jigi deciz fir-rigward tar-rikonvenzjoni, mhemmx ghalfejn li l-qorti tikkunsidra l-aggravju relatat mal-imghax.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-appell tas-socjeta attrici in kwantu jirreferi ghat-talba taghha ghall-hlas ta' €6596.78.**
2. **Tilqa' parzjalment l-appell dwar ir-rikonvenzjoni, u tvarja s-sentenza tas-7 ta' April, 2016 fis-sens li thassarha f'dik il-parti fejn fil-meritu laqat it-talba tal-konvenuta u kkundannat lill-attrici thallasha s-somma ta' €4,286.04 bhala danni minhabba inadempjenza kuntrattwali bl-imghax mill-15 ta' Gunju, 2005. Ghaldaqstant, tichad it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta.**
3. **Spejjez tal-ewwel qorti fir-rigward tar-rikonvenzjoni jkunu a karigu ta-socjeta konvenuta, filwaqt li spejjez relatati mat-talba tas-socjeta attrici jkunu a karigu taghha. Spejjez tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.